din, ta ħarsa tal-ħniena lejn dawk il-gamiem u qal liż-żagħ-żugħ: "Żagħżugħ twajjeb, nitolbok agħtihomli li ma jiġrix li għasafar hekk ġwejdin, li fl-iskrittura huma mxebbhin lill-erwieħ kasti, umli u fidili, jaqgħu f'idejn nies ta' qalb ħażina u joqtluhom." Dikment iż-żagħżugħ, milhum minn Alla, tahomlu kollha u San Franġisk daħħalhom f'ħobbu u beda jkellimhom bil-ħlewwa: "Ħuti ċkejknin, gamiem sempliċi, innoċenti u kasti, għaliex ħallejtu min jaqbadkom? Issa jiena sa neħliskom mill-mewt, u nagħmlilkom il-bejtiet biex intom tkunu tistgħu tgħallu u tiżdiedu skond ma jamar il-Ħallieq tagħna." U San Franġisk mar u lill-koll għamlilhom il-bejta; u huma telqu għall-bejtiet tagħhom; u bdew ibidu u jrabbu ż-żgħar tagħhom quddiem għajnejn il-patrijiet u hekk għaxu ġwejda u draw ma' San Franġisk u l-patrijiet l-oħra bħallikieku kienu flieles mindejjem mitmugħa minn idejhom; u ma telqux qabel ma San Franġisk berikhom u ħalliehom imorru. U liż-żagħżugħ lî kien tahomlu San Franġisk qallu: "Ibni, int għad tkun patri ta' dan l-Ordni u taqdi bit-tjubija kollha lil Ġerù Kristu. U hekk kien għaliex dan iż-żagħżugħ sar patri u għax fl-Ordni fi qdusija kbira.

## *NOCTURNE*

Sabiħ il-jum bid-dawl u d-dija tiegħu,
U l-ferħ illi jġib miegħu,
Imma wisq isbaħ minnu l-lejl mistenni,
Fis-skiet ta' seħer mhenni
Mill-ġmiel ta' qamar ġwejjed—
Ġwejjed, ħiemed, ħosbien—
Mill-ġmiel ta' qamar abjad
Li jidħak lill-ħolqien.

Mantar sewdieni, tal-bellus, ilibbes
Id-djar, u kullimkien.
Imma meta fis-sema jfiġġu l-kwiekeb,



Ħafna qlub żgħar, henjin,
U jħarsu, jħarsu, jħarsu
Bħal ħafna għajnejn ċkejknin,
Mill-ġdid tixtered 'l hawn u 'l hinn il-ħajja:
Tas-siġar twal jinfirxu d-dellijiet,
Ir-riħ jitriegħed bejn il-friegħi mwerrqa,
U l-għanja tidwi, l-għanja tal-mewġiet.
Waqtiet xi kewkba feġġa
Li xebgħet tgħix fejn sħabha,
Titlaq sa tgħib fix-xejn.
Oħrajn jitħajru minnha,
U tibda xita rqiqa
Ta' kwiekeb nieżla nieżla,
Sejrin min jaf sa fejn.
Min jista' l-ġmiel ifisser
Tal-ħajja ta' bil-lejl?

Il-baħar għandu seħer,
Seħer ġo dawk l-ilmiet:
Mis-sema d-dija jiġbed
Tal-kwiekeb bil-mijiet;
U dawk id-dwal imriegħda
Jinxegħlu minnufih,
Jilmaw u jleħħu sbiħ.

Elf qalb tħabbat bil-lejl fis-skiet u l-ħemda,
Elf għanja tidwi smajt,
Elf leħen jimla l-lejl b'kull ħajja ġdida,
Ħlewwiet u għaxqa rajt.
O lejl mistenni, fik insib il-faraġ,
U fik l-hena sabiħ,
Il-hena tal-mistrieħ,
Mistrieħ,
Mistrieħ.

Ġużè Chetcuti.

8 - VII - 39